# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru**

**Citazzjoni Numru 301/14 AE**

**Gaming VC Corporation Limited (C40551)**

**v.**

**GVC New Limited li b'digriet tal-21 ta' Jannar 2015**
**sar jaqra Harvey Gaming Limited (C55640)**

**Il-Qorti:**

Rat illi dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Frar, 2015, li in forza tieghu dik il-Qorti laqghet in parte talba tas-socjeta` attrici ghall-korrezzjoni fit-talbiet proposti fir-rikors guramentat.

It-talba tas-socjeta` rikorrenti ddur ma' ftehim milhuq bejn il-partijiet li bih is-socjeta` GVC New Ltd, issa Harvey Gaming Ltd., kellha tassumi fuqha l-obbligi li kienet assumiet is-socjeta` Gaming VC fil-konfront tas-

socjeta` Gamologist Ltd. Fi ftit kliem, il-ftehim kellu karattru ta' novazzjoni *ex parte debitoris*. Din in-novazzjoni tehtieg il-kunsens tal-kreditur tal-obbligazzjoni biex tkun effettiva. F'dan il-kaz, din in-novazzjoni ma sehhitx, qed jigi allegat, b'tort tas-socjeta` Harvey Gaming Ltd. li riedet tbiddel il-kundizzjonijiet tal-ftehim. Is-socjeta` Gamologist Ltd. baqghet tinsisti mas-socjeta` Gaming VC li din twettaq l-obbligazzjonijiet taghha taht il-ftehim li kellhom bejniethom. Fil-fatt is-socjeta` Gamologist Ltd. fethet kawza kontra s-socjeta` Gaming VC ghall-hlas tas-servizzi minnha rezi. Is-socjeta` Gaming VC ppruvat tghid li hi ghaddiet l-obbligu ta' hlas fuq Harvey Gaming Ltd., izda s-socjeta` Gamologist arumentat li hi ma kinetx parti mill-ftehim bejn Gaming VC u Harvey Gaming, u r-relazzjoni kontrattwali taghha kienet u baqghet mas-socjeta` Gaming VC.

Gaming VC fethet din il-kawza kontra Harvey Gaming fejn qed tghid li, jekk minhabba l-fatt li Harvey Gaming ma ikkompletatx in-novazzjoni, kif kien imwieghed, hi se jkollha thallas xi flus lis-socjeta` Gamologist, ghandha tigi rifuza dawk il-flus mis-socjeta` Harvey Gaming. Is-socjeta` Gaming VC ressqet dawn it-talbiet:

> "1. Tiddikjara u tiddeciedi illi kull obbligu naxxenti mill-kuntratti li kienu mehmuza mal-*License Business Transfer Agreement* kienu gew assunti mis-socjeta` konvenuta u li liema obbligi kienu jinkludu l-effetti u responsabbiltajiet ezistenti fil-kuntratt datat Awwissu 2007 originarjament iffirmat bejn l-atturi u Gamologist Limited.

“2. Konsegwentement tiddikjara wkoll illi kull ammont talvolta dovut lis-socjeta` Gamologist abbazi tal-kuntratt datat Awwissu 2007 fuq imsemmi huwa dovut unikament lis-socjeta` Gamologist mis-socjeta` konvenuta u mhux mis-socjeta` rikorrenti u

“3. Tordna illi kull ammont li talvolta jigi ddikjarat bhala dovut lis-socjeta` Gamologist Limited bhala konsegwenza tal-kuntratt datat Awwissu 2007 jithallas unikament mis-socjeta` konvenuta.”

Gara li fil-mori ta’ din il-kawza, is-socjeta` Gaming GV ittransigiet il-kwistjoni li kellha ma’ Gamologist u hallsitha s-somma ta’ €425,000 ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha taht il-kuntratt ta’ bejniethom. Is-socjeta` Gaming GV trid issa, per konsegwenza, tbiddel it-talbiet taghha billi, fis-sustanza, issa li s-somma “*talvolta dovut*” giet iffissata, is-socjeta` Harvey Gaming tigi kkundannata tirrifondi l-flus li hi hallset lis-socjeta` Gamologist Ltd.

Bhal l-ewwel Qorti, din il-Qorti tara li l-meritu tal-azzjoni baqa’ l-istess bil-korrezzjonijiet mitluba. Meta infethet din il-kawza, il-kwistjoni bejn Gaming VC u Gamologist kienet ghadha pendenti u s-socjeta` Gaming VC talbet illi <u>jekk</u> hi jkollha thallas lis-socjeta` Gamologist xi somma flus, dan il-hlas, fl-ahhar mill-ahhar, isir mis-socjeta` Harvey Gaming, ghax din tal-ahhar kellha tassumi fuqha l-obbligu tal-hlas, u dan ma sarx tort taghha.

Issa, li l-materja bejn Gaming VC u Gamologist giet definita, is-socjeta` Gaming VC trid tikkonverti l-azzjoni taghha minn wahda ipotetika ghal wahda definittiva. Kif graw l-affarijiet, is-socjeta` Gaming VC dan tista’

taghmlu ghax mhux qed ibiddel il-bazi tal-azzjoni. L-allegazzjoni principali kienet u baqghet li s-socjeta` Harvey Gaming ma onoratx il-ftehim li kellha mas-socjeta` Gaming VC: originarjament, it-talba kienet ghall-hlas tas-somma li *jista' jigi* dikjarat bhala dovut lis-socjeta` Gamologist Ltd., waqt li issa qed isir ghall-hlas lura tas-somma dovuta u imhallsa lis-socjeta` Gamologist.

Din il-Qorti, kwindi, sejra tikkonferma d-digriet tal-ewwel Qorti.

Is-socjeta` attrici ghandha, ovvjament, tipprova l-kaz taghha. Trid tipprova li n-novazzjoni miftiehma ma sehhitx b'nuqqas attribwibbli lis-socjeta` Harvey Gaming, u trid issa tipprova wkoll li s-somma ta' €425,000 li hallset lis-socjeta` Gamologist kienet verament dovuta lil dik is-socjeta`. It-transazzjoni bejn is-socjeta` Gaming VC u s-socjeta` Gamologist hi *res inter alios acta* ghas-socjeta` Harvey Gaming, u allura s-socjeta` Gaming VC trid turi li verament kien hemm dan id-dejn dovut lis-socjeta` Gamologist Ltd. u li hi kienet kostretta thallsu nuqqas tas-socjeta` Harvey Gaming li tassumi l-obbligu fuqha, kif obbligat li taghmel fil-kuntratt ta' novazzjoni *ex parte debitoris* li sehh bejn il-partijiet f'din il-kawza.

Darba li saret bidla fit-talbiet, is-socjeta` konvenuta ghandha dritt tressaq risposta guramentata ulterjuri, talba li ghandha tintlaqa’ jekk u meta ssir fi stadju opportun quddiem il-Qorti kompetenti.

L-ispejjez marbuta ma’ dan l-incident jibqghu in prim istanza a karigu tas-socjeta` attrici kif stabbiliet l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma’ din it-tieni istanza, jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti Harvey Gaming Ltd. gia` GVC New Limited.

Il-Qorti ghaldaqstant tikkonferma d-digriet appellat u tordna li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma’ l-kaz.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df